



---

*Dokument ta' sessjoni*

---

**A9-0004/2023**

17.1.2023

**\*\*\*I**

## **RAPPORT**

dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva (UE) 2019/1153 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, fir-rigward tal-aċċess tal-awtoritajiet kompetenti għar-reġistri ċentrali tal-kontijiet bankarji permezz tal-punt uniku ta' aċċess  
(COM(2021)0429 – C9-0338/2021 – 2021/0244(COD))

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

Rapporteur: Emil Radev

### ***Tifsira tas-simboli użati***

- \* Proċedura ta' konsultazzjoni
- \*\*\* Proċedura ta' approvazzjoni
- \*\*\*I Proċedura leġislattiva ordinarja (l-ewwel qari)
- \*\*\*II Proċedura leġislattiva ordinarja (it-tieni qari)
- \*\*\*III Proċedura leġislattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi ġuridika proposta mill-abbozz ta' att.)

### ***Emendi għal abbozz ta' att***

#### **Emendi tal-Parlament f'żewġ kolonni**

It-tħassir huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tax-xellug. Is-sostituzzjoni hija indikata permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fiż-żewġ kolonni. It-test ġdid huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tal-lemin.

L-ewwel u t-tieni linji tal-intestatura ta' kull emenda jidentifikaw il-parti tat-test ikkonċernata fl-abbozz ta' att inkwistjoni. Meta emenda tirrigwarda att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, l-intestatura jkun fiha wkoll it-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att.

#### **Emendi tal-Parlament li jieħdu l-forma ta' test konsolidat**

Il-partijiet ġodda tat-test huma indikati permezz tat-tipa ***korsiva u grassa***. Il-partijiet imħassra tat-test huma indikati permezz tas-simbolu ■ jew huma ingassati. Is-sostituzzjoni tintwera billi jiġi indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** t-test il-ġdid u billi jitħassar jew jiġi ingassat it-test sostitwit. Bħala eċċezzjoni, it-tibdil ta' natura strettament teknika magħmul mis-servizzi fil-preparazzjoni tat-test finali mhuwiex indikat.

## WERREJ

### Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW.....	5
OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-AFFARIJET EKONOMIĊI U MONETARJI.....	11
PROĊEDURA TAL-KUMITAT RESPONSABBLI.....	16
VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJET FIL-KUMITAT RESPONSABBLI.....	18



## ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva (UE) 2019/1153 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, fir-rigward tal-aċċess tal-awtoritajiet kompetenti għar-reġistri ċentrali tal-kontijiet bankarji permezz tal-punt uniku ta' aċċess

(COM(2021)0429 – C9-0338/2021 – 2021/0244(COD))

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2021)0429),
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 87(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C9-0338/2021),
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A9-0004/2023),
1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;
  2. Jitlob lill-Kummissjoni terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sustanzjali;
  3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

### Emenda 1

#### Proposta għal direttiva

#### Premessa 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(1) L-iffaċilitar tal-aċċess għal

(1) ***L-ottimizzazzjoni u*** l-iffaċilitar tal-

informazzjoni finanzjarja **huwa meħtieġ** għall-prevenzjoni, **l-iskoperta**, l-investigazzjoni jew il-prosekuzzjoni ta' reati serji, inkluż it-terroriżmu. B'mod partikolari, l-aċċess rapidu għall-informazzjoni finanzjarja huwa essenzjali għat-twettiq ta' investigazzjonijiet kriminali effettivi u għat-traċċar b'suċċess u l-konfiska sussegwenti ta' mezzi strumentali u rikavat mill-kriminalità.

aċċess għal informazzjoni finanzjarja **huma meħtieġa** għall-prevenzjoni, **l-identifikazzjoni**, l-investigazzjoni jew il-prosekuzzjoni ta' reati serji, inkluż it-terroriżmu. B'mod partikolari, l-aċċess rapidu għall-informazzjoni finanzjarja huwa essenzjali għat-twettiq ta' investigazzjonijiet kriminali effettivi u għat-traċċar b'suċċess u l-konfiska sussegwenti ta' mezzi strumentali u rikavat mill-kriminalità, **b'mod partikolari bħala parti mill-investigazzjonijiet dwar il-kriminalità organizzata**.

## Emenda 2

### Proposta għal direttiva

#### Premessa 5

*Test propost mill-Kummissjoni*

(5) Meta titqies in-natura transfruntiera tal-kriminalità organizzata u l-ħasil tal-flus kif ukoll l-importanza ta' informazzjoni finanzjarja rilevanti għall-finijiet tal-ġlieda kontra **l-attivitajiet kriminali**, inkluż permezz tal-intraċċar, l-iffriżar u l-konfiska malajr ta' assi miksuba illegalment fejn possibbli u xieraq, l-awtoritajiet kompetenti għall-prevenzjoni, l-identifikazzjoni, l-investigazzjoni jew il-prosekuzzjoni ta' reati **kriminali** maħtura f'konformità mad-Direttiva (UE) 2019/1153 jenħtieġ li jkunu jistgħu **jaċċessaw** u jfittxu direttament ir-reġistri ċentrali tal-kontijiet tal-bank ta' Stati Membri oħra permezz tal-punt uniku ta' aċċess tal-BAR stabbilit skont id-Direttiva (UE) YYYY/XX.

## Emenda 3

### Proposta għal direttiva

#### Premessa 6

*Emenda*

(5) Meta titqies in-natura transfruntiera tal-kriminalità organizzata, **il-finanzjament tat-terroriżmu** u l-ħasil tal-flus kif ukoll l-importanza ta' informazzjoni finanzjarja rilevanti għall-finijiet tal-ġlieda kontra **r-reati serji**, inkluż permezz tal-intraċċar, l-iffriżar u l-konfiska malajr ta' assi miksuba illegalment fejn possibbli u xieraq, l-awtoritajiet kompetenti għall-prevenzjoni, l-identifikazzjoni, l-investigazzjoni jew il-prosekuzzjoni ta' reati maħtura f'konformità mad-Direttiva (UE) 2019/1153 jenħtieġ li jkunu jistgħu **jaċċedu għal** u jfittxu direttament ir-reġistri ċentrali tal-kontijiet tal-bank ta' Stati Membri oħra permezz tal-punt uniku ta' aċċess tal-BAR stabbilit skont id-Direttiva (UE) YYYY/XX.

*Test propost mill-Kummissjoni*

(6) Is-salvagwardji u l-limitazzjonijiet diġà stabbiliti mid-Direttiva (UE) 2019/1153 jenħtieġ li japplikaw ukoll fir-rigward tal-possibbiltajiet ta' aċċess u tiftix ta' informazzjoni dwar il-kontijiet tal-bank, permezz tal-punt ta' aċċess uniku tal-BAR, stabbilit minn din id-Direttiva. Dawn is-salvagwardji u l-limitazzjonijiet jinkludu dawk li jikkonċernaw il-limitazzjoni għall-awtoritajiet li għandhom is-setgħa li **jaċċessaw** u jfittxu informazzjoni dwar il-kontijiet tal-bank, l-iskopijiet li għalihom jistgħu jitwettqu l-aċċess u t-tiftix, it-tipi ta' informazzjoni li huma aċċessibbli u li jistgħu jiġu mfittxija, ir-rekwiżiti applikabbli għall-persunal tal-awtoritajiet kompetenti maħtura, is-sigurtà tad-data u r-reġistrazzjoni tal-aċċess u t-tiftix.

**Emenda 4**

**Proposta għal direttiva  
Premessa 6a (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(6) Is-salvagwardji u l-limitazzjonijiet diġà stabbiliti mid-Direttiva (UE) 2019/1153 jenħtieġ li japplikaw ukoll fir-rigward tal-possibbiltajiet ta' aċċess u tiftix ta' informazzjoni dwar il-kontijiet tal-bank, permezz tal-punt ta' aċċess uniku tal-BAR, stabbilit minn din id-Direttiva. Dawn is-salvagwardji u l-limitazzjonijiet jinkludu dawk li jikkonċernaw il-limitazzjoni għall-awtoritajiet li għandhom is-setgħa li **jaċċedu għal** u jfittxu informazzjoni dwar il-kontijiet tal-bank, l-iskopijiet li għalihom jistgħu jitwettqu l-aċċess u t-tiftix, it-tipi ta' informazzjoni li huma aċċessibbli u li jistgħu jiġu mfittxija **filwaqt li jiġu rispettati l-prinċipji tal-minimizzazzjoni tad-data**, ir-rekwiżiti applikabbli għall-persunal tal-awtoritajiet kompetenti maħtura, is-sigurtà tad-data u r-reġistrazzjoni tal-aċċess u t-tiftix.

*Emenda*

**(6a) Il-fatt li l-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru jitħallew ikollhom aċċess u jagħmlu tiftix fir-reġistri ċentrali tal-kontijiet tal-bank ta' Stati Membri oħra permezz tal-punt uniku ta' aċċess tal-BAR huwa bbażat fuq l-assunzjoni li l-Istati Membri jkunu konformi mad-dritt tal-Unjoni u jirrispettaw l-istat tad-dritt minqux fl-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u d-drittijiet fundamentali stabbiliti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, bħad-dritt għall-ħajja privata u d-dritt għall-protezzjoni ta' data personali. Meta d-data li jsir aċċess għaliha permezz tal-punt uniku ta' aċċess tal-BAR tintuża fl-investigazzjoni jew fil-prosekuzzjoni ta'**

*kawżi kriminali, ir-rekwiżit tal-Istati Membri biex jirrispettaw l-istandards tad-drittijiet fundamentali u l-obbligi relatati jinvolvi wkoll dmir li jiġi żgurat li d-drittijiet tal-persuni ssuspettati u akkużati jiġiharsu wkoll, inkluż id-dritt għal rimedju effettiv u għal proċess ġust, li huma elementi essenzjali ta' spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja fi ħdan l-Unjoni. Huma u jużaw il-punt uniku ta' aċċess tal-BAR, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jirrispettaw ukoll il-prinċipji u d-drittijiet fundamentali previsti fid-dritt internazzjonali, fil-ftehimiet internazzjonali li tagħhom l-Unjoni jew l-Istati Membri kollha huma parti, fosthom il-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, u fil-kostituzzjonijiet tal-Istati Membri.*

## Emenda 5

### Proposta għal direttiva Premessa 6b (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(6b) B'mod simili għal dak previst fid-Direttiva (UE) 2019/1153, jenħtieġ li l-Istati Membri, meta jimplementaw din id-Direttiva, iqisu n-natura, l-istatus organizzattiv, ir-rwol u l-prerogattivi tal-awtoritajiet u tal-korpi kompetenti għall-prevenzjoni, l-identifikazzjoni, l-investigazzjoni jew il-prosekuzzjoni ta' reati, kif stabbilit fid-dritt nazzjonali tagħhom, inklużi l-mekkaniżmi eżistenti għall-protezzjoni tas-sistemi finanzjarji kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu, inkluż fir-rigward tal-aċċess għall-informazzjoni dwar il-kontijiet bankarji permezz tal-punt uniku ta' aċċess tal-BAR u l-konsultazzjoni ta' din l-informazzjoni.*



## Emenda 6

### Proposta għal direttiva Premessa 12

*Test propost mill-Kummissjoni*

(12) Il-kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ġie kkonsultat f'konformità mal-Artikolu 42(1) tar-Regolament (UE) Nru 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill *[u ppreżenta opinjoni fi XX 2021]*,

*Emenda*

(12) Il-kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ġie kkonsultat f'konformità mal-Artikolu 42(1) tar-Regolament (UE) Nru 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill **u ppreżenta l-kummenti tiegħu fis-6 ta' Settembru 2021,**

## Emenda 7

### Proposta għal direttiva Artikolu 1 – paragrafu 1 Direttiva (UE) 2019/1153 Artikolu 4 – paragrafu 1a

*Test propost mill-Kummissjoni*

1a. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti maħtura skont l-Artikolu 3(1) ikollhom is-setgħa li **jaċċessaw** u jfittxu, direttament u immedjatement, informazzjoni dwar il-kontijiet bankarji fi Stati Membri oħra disponibbli permezz ta' punt uniku ta' aċċess għar-reġistri tal-kontijiet bankarji (BAR) fis-seħħ skont l-Artikolu XX tad-Direttiva (UE) YYYY/XX [id-Direttiva l-ġdida dwar il-Ġlieda Kontra **l-Hasital-Flus**] meta jkun **mehliegħ** għat-twertiq tal-kompiti tagħhom għall-finijiet tal-prevenzjoni, l-identifikazzjoni, l-investigazzjoni jew il-prosekuzzjoni ta' reat **kriminali** serju jew l-appoġġ għal investigazzjoni kriminali relatata ma' reat **kriminali** serju, inkluż l-identifikazzjoni ta' reat **kriminali** serju.

*Emenda*

1a. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti maħtura skont l-Artikolu 3(1) ikollhom is-setgħa li **jaċċedu għal** u jfittxu, direttament u immedjatement, informazzjoni dwar il-kontijiet bankarji fi Stati Membri oħra disponibbli permezz ta' punt uniku ta' aċċess għar-reġistri tal-kontijiet bankarji (BAR) fis-seħħ skont l-Artikolu XX tad-Direttiva (UE) YYYY/XX [id-Direttiva l-ġdida dwar il-Ġlieda Kontra **l-Ħasil tal-Flus**] meta **tali awtoritajiet kompetenti jkollhom raġunijiet ġustifikati li jista' jkun hemm informazzjoni rilevanti dwar il-kontijiet bankarji fi Stati Membri oħra li tkun mehliegħa** għat-twertiq tal-kompiti tagħhom għall-finijiet tal-prevenzjoni, l-identifikazzjoni, l-investigazzjoni jew il-prosekuzzjoni ta' reat serju jew l-appoġġ għal investigazzjoni kriminali relatata ma' reat serju, inkluż l-identifikazzjoni ta' reat serju.

*Id-data miġbura bħala riżultati tal-aċċess jew tat-tiftix fl-informazzjoni dwar il-kontijiet bankarji permezz tal-punt uniku ta' kuntatt tal-BAR fl-ambitu tal-ewwel subparagrafu għandha tkun adegwata u rilevanti għall-finijiet li għalihom tkun intalbet u ma għandhiex tkun eċċessiva għal tali finijiet. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jagħmlu biss tiftix kif previst fl-ewwel subparagrafu, dment li l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jkunu jistgħu jagħmlu tali tiftix fir-reġistru nazzjonali fl-istess kundizzjonijiet bħal f'każ nazzjonali simili. L-informazzjoni miksuba permezz tal-aċċess u tat-tiftix tal-punt uniku ta' aċċess tal-BAR għandha tintuża biss għall-fini li għalih tkun intalbet.*

*L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, meta l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti li ħatru skont l-Artikolu 3(1) għall-aċċess u għat-tiftix fl-informazzjoni fi Stati Membri oħrajn disponibbli permezz tal-punt uniku ta' aċċess tal-BAR, tali awtoritajiet kompetenti jirrispettaw id-drittijiet proċedurali tal-individwi u jikkonformaw mar-regoli nazzjonali u tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tad-data personali.*

*L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-persunal tal-awtoritajiet kompetenti maħtura li għandhom aċċess permezz tal-punt uniku ta' aċċess tal-BAR iżommu standards professjonali għoljin ta' kunfidenzjalità u ta' protezzjoni tad-data, li huma ta' integrità għolja u li għandhom ħiliet xierqa.*

15.3.2022

## OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-AFFARIJET EKONOMIĊI U MONETARJI

għall-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva (UE) 2019/1153 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, fir-rigward tal-aċċess tal-awtoritajiet kompetenti għar-reġistri ċentrali tal-kontijiet bankarji permezz tal-punt uniku ta' aċċess (COM(2021)0429 – C9-0338/2021 – 2021/0244(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Inese Vaidere

### EMENDI

Il-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji jistieden lill-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern, bħala l-kumitat responsabbli, biex jieħu inkunsiderazzjoni l-emendi li ġejjin:

#### Emenda 1

**Proposta għal direttiva**  
**Premessa 2a (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(2a) L-Unitajiet tal-Intelligence Finanzjarja (UIF) jenħtieġ li jagħmlu ħilithom biex jiskambjaw informazzjoni finanzjarja jew analiżi finanzjarja biex jipprevjenu u jiġġieldu l-ħasil tal-flus, ir-reati predikati assoċjati u l-finanzjament tat-terroriżmu b'mod aktar effettiv kif previst fid-Direttiva (UE) 2015/849.**

#### Emenda 2

**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt -1 (ġdid)**  
Direttiva (UE) 2019/1153  
Artikolu 1 – paragrafu 1

Din id-Direttiva tistabbilixxi miżuri li jiffaċilitaw l-aċċess għal u l-użu ta' informazzjoni finanzjarja u informazzjoni dwar il-kontijiet bankarji mill-awtoritajiet kompetenti għall-prevenzjoni, l-identifikazzjoni, l-investigazzjoni jew il-prosekuzzjoni ta' reati kriminali serji. Hija tistabbilixxi wkoll miżuri li jiffaċilitaw l-aċċess għal informazzjoni dwar l-infurzar tal-liġi mill-Unitajiet tal-Intelligence Finanzjarja ("UIF") għall-prevenzjoni u l-għieda kontra l-ħasil tal-flus, ta' reati predikati assoċjati u tal-finanzjament tat-terroriżmu ***u miżuri biex tiġi ffaċilitata l-kooperazzjoni bejn l-UIF.***

***(-1) L-Artikolu 1(1) huwa sostitwit b'dan li ġej:***

"Din id-Direttiva tistabbilixxi miżuri li jiffaċilitaw l-aċċess għal u l-użu ta' informazzjoni finanzjarja u informazzjoni dwar il-kontijiet bankarji mill-awtoritajiet kompetenti għall-prevenzjoni, l-identifikazzjoni, l-investigazzjoni jew il-prosekuzzjoni ta' reati kriminali serji. Hija tistabbilixxi wkoll miżuri li jiffaċilitaw l-aċċess għal informazzjoni dwar l-infurzar tal-liġi mill-Unitajiet tal-Intelligence Finanzjarja ("UIF") għall-prevenzjoni u l-għieda kontra l-ħasil tal-flus, ta' reati predikati assoċjati u tal-finanzjament tat-terroriżmu."

*(Direttiva 2019/1153)*

*Ġustifikazzjoni*

*Il-miżuri intiżi sabiex tiġi ffaċilitata l-kooperazzjoni bejn l-UIF għandhom jitwettqu skont il-bażi ġuridika prevista fid-Direttiva dwar il-Ġlieda Kontra l-Ħasil tal-Flus.*

### **Emenda 3**

#### **Proposta għal direttiva**

#### **Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1a (ġdid)**

Direttiva (UE) 2019/1153

Artikolu 9

*Test fis-seħħ*

*Emenda*

#### ***Artikolu 9***

***(1a) L-Artikolu 9 huwa mħassar.***

***Skambju ta' informazzjoni bejn l-UIF ta' Stati Membri differenti***

***1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, f'każijiet eċċezzjonali u urġenti, l-UIF tagħhom ikunu intitolati li jiskambjaw informazzjoni finanzjarja jew analiżi finanzjarja li tista' tkun rilevanti għall-iproċessar jew l-analiżi ta'***

*informazzjoni relatata mat-terroriżmu jew ma' kriminalità organizzata assoċjata mat-terroriżmu.*

**2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li fil-każijiet imsemmija fil-paragrafu 1 u soġġett għal-limitazzjonijiet operazzjonali tagħhom, l-UIF jagħmlu l-almu tagħhom biex jiskambjaw din l-informazzjoni fil-pront.**

*(Direttiva 2019/1153)*

*Ġustifikazzjoni*

*L-Artikolu 53 tal-AMLD5 attwali jintroduċi bażi ġuridika wiesgħa għall-iskambju ta' informazzjoni bejn l-UIF rigward il-ħasil tal-flus u r-reati predikati, inkluż it-terroriżmu. L-Artikolu 9 tad-Direttiva (UE) 2019/1153 għalhekk introduċa inkonsistenza fir-rigward tal-bażi ġuridika għall-iskambju ta' informazzjoni bejn l-UIF fl-UE, u, biex tiġi evitata l-inċertezza legali, għandu jiħassar. L-Artikolu 53 tal-AMLD5 – u s-sostituzzjoni tiegħu mill-Artikolu 24 tal-proposta tal-Kummissjoni dwar l-AMLD6 – għandu jkun l-unika bażi ġuridika għall-iskambju ta' informazzjoni bejn l-UIF.*

## PROĊEDURA TAL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

<b>Titolu</b>	Emenda tad-Direttiva (UE) 2019/1153 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-aċċess tal-awtoritajiet kompetenti għar-reġistri ċentralizzati tal-kontijiet bankarji permezz tal-punt ta' aċċess uniku
<b>Referenzi</b>	COM(2021)0429 – C9-0338/2021 – 2021/0244(COD)
<b>Kumitat responsabbli</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	LIBE 13.9.2021
<b>Opinjoni(jiet) mogħtija minn</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	ECON 13.9.2021
<b>Rapporteur għal opinjoni</b> Data tal-ħatra	Inese Vaidere 16.9.2021
<b>Eżami fil-kumitat</b>	13.1.2022
<b>Data tal-adozzjoni</b>	14.3.2022
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: 46 -: 3 0: 7
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Rasmus Andresen, Gunnar Beck, Isabel Benjumea Benjumea, Stefan Berger, Gilles Boyer, Carlo Calenda, Engin Eroglu, Markus Ferber, Jonás Fernández, Raffaele Fitto, Frances Fitzgerald, José Manuel García-Margallo y Marfil, Luis Garicano, Valentino Grant, Claude Gruffat, Enikő Győri, Eero Heinäluoma, Michiel Hoogeveen, Danuta Maria Hübner, Stasys Jakeliūnas, France Jamet, Othmar Karas, Billy Kelleher, Ondřej Kovařík, Aurore Lalucq, Aušra Maldeikienė, Pedro Marques, Costas Mavrides, Csaba Molnár, Siegfried Mureşan, Luděk Niedermayer, Lefteris Nikolaou-Alavanos, Piernicola Pedicini, Lídia Pereira, Kira Marie Peter-Hansen, Sirpa Pietikäinen, Dragoş Pîslaru, Evelyn Regner, Antonio Maria Rinaldi, Alfred Sant, Joachim Schuster, Ralf Seekatz, Pedro Silva Pereira, Paul Tang, Irene Tinagli, Ernest Urtaşun, Inese Vaidere, Johan Van Overtveldt, Stéphanie Yon-Courtin, Marco Zanni, Roberts Zile
<b>Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Manon Aubry, Karima Delli, Maximilian Krah, Chris MacManus, Andreas Schwab, Linea Søggaard-Lidell
<b>Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Silvia Modig

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJET  
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

<b>46</b>	<b>+</b>
ID	Antonio Maria Rinaldi, Marco Zanni
NI	Enikő Győri
PPE	Isabel Benjumea Benjumea, Stefan Berger, Markus Ferber, Frances Fitzgerald, José Manuel García-Margallo y Marfil, Danuta Maria Hübner, Othmar Karas, Aušra Maldeikienė, Siegfried Mureşan, Luděk Niedermayer, Lidia Pereira, Sirpa Pietikäinen, Andreas Schwab, Ralf Seekatz, Inese Vaidere
Renew	Gilles Boyer, Carlo Calenda, Engin Eroglu, Luis Garicano, Billy Kelleher, Ondřej Kovařík, Dragoş Pîslaru, Linea Sjøgaard-Lidell, Stéphanie Yon-Courtin
S&D	Jonás Fernández, Eero Heinäluoma, Aurore Lalucq, Pedro Marques, Costas Mavrides, Csaba Molnár, Evelyn Regner, Alfred Sant, Joachim Schuster, Pedro Silva Pereira, Paul Tang, Irene Tinagli
Verts/ALE	Rasmus Andresen, Karima Delli, Claude Gruffat, Stasys Jakeliūnas, Piernicola Pedicini, Kira Marie Peter-Hansen, Ernest Urtasun

<b>3</b>	<b>-</b>
ID	Gunnar Beck, Maximilian Krah
NI	Lefteris Nikolaou-Alavanos

<b>7</b>	<b>0</b>
ECR	Raffaele Fitto, Michiel Hoogeveen, Johan Van Overtveldt, Roberts Zīle
ID	Valentino Grant, France Jamet
The Left	Chris MacManus

	<b>Korrezzjonijiet u intenzjonijiet ta' vot</b>
+	Valentino Grant
-	
0	

Tifsira tas-simboli użati:

- + : favur
- : kontra
- 0 : astensjoni

## PROCĊURA TAL-KUMITAT RESPONSABBLI

<b>Titolu</b>	Emenda tad-Direttiva (UE) 2019/1153 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-aċċess tal-awtoritajiet kompetenti għar-reġistri ċentralizzati tal-kontijiet bankarji permezz tal-punt ta' aċċess uniku	
<b>Referenzi</b>	COM(2021)0429 – C9-0338/2021 – 2021/0244(COD)	
<b>Data meta ġiet ippreżentata lill-PE</b>	20.7.2021	
<b>Kumitat responsabbli</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	LIBE 13.9.2021	
<b>Kumitati mitluba jagħtu opinjoni</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	ECON 13.9.2021	
<b>Rapporteurs</b> Data tal-ħatra	Emil Radev 29.11.2021	
<b>Eżami fil-kumitat</b>	31.3.2022	13.7.2022
<b>Data tal-adozzjoni</b>	12.1.2023	
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+ : 56 - : 2 0 : 1	
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Abir Al-Sahlani, Malik Azmani, Vladimír Bilčík, Malin Björk, Vasile Blaga, Patrick Breyer, Saskia Bricmont, Joachim Stanisław Brudziński, Patricia Chagnon, Clare Daly, Lena Düpont, Lucia Āuriš Nicholsonová, Laura Ferrara, Andrzej Halicki, Evin Incir, Sophia in 't Veld, Patryk Jaki, Marina Kaljurand, Fabienne Keller, Łukasz Kohut, Moritz Körner, Alice Kuhnke, Jeroen Lenaers, Erik Marquardt, Nadine Morano, Javier Moreno Sánchez, Maite Pagazaurtundúa, Paulo Rangel, Karlo Ressler, Isabel Santos, Birgit Sippel, Sara Skyttedal, Vincenzo Sofo, Tineke Strik, Ramona Strugariu, Yana Toom, Milan Uhrík, Tom Vandendriessche, Elena Yoncheva	
<b>Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Bartosz Arłukowicz, Damian Boeselager, Delara Burkhardt, Susanna Ceccardi, Olivier Chastel, Tudor Ciuhodaru, Nathalie Colin-Oesterlé, Gwendoline Delbos-Corfield, Klára Dobrev, Christian Doleschal, Cyrus Engerer, Loucas Fourlas, Romeo Franz, Daniel Freund, José Gusmão, Balázs Hidvéghi, Brice Hortefeux, Laura Huhtasaari, Rasa Juknevičienė, Beata Kempa, Dietmar Köster, Ondřej Kovařík, Sergey Lagodinsky, Nathalie Loiseau, Leopoldo López Gil, Jaak Madison, Giuseppe Milazzo, Alessandra Mussolini, Matjaž Nemeč, Janina Ochojska, Jan-Christoph Oetjen, Carina Ohlsson, Philippe Olivier, Kostas Papadakis, Anne-Sophie Pelletier, Morten Petersen, Giuliano Pisapia, Peter Pollák, Carles Puigdemont i Casamajó, Bergur Løkke Rasmussen, Sira Rego, Terry Reintke, Thijs Reuten, Franco Roberti, Rob Rooken, Domènec Ruiz Devesa, Silvia Sardone, Michal Šimečka, Sylwia Spurek, Paul Tang, Cristian Terheş, Róża Thun und Hohenstein, Romana Tomc, Dragoş Tudorache, Miguel Urbán Crespo, Nils Ušakovs, Tom Vandenkendelaere, Hilde Vautmans, Harald Vilimsky, Loránt Vincze, Petar Vitanov, Alexandr Vondra, Axel Voss, Maria Walsh, Charlie Weimers, Isabel Wiseler-Lima, Tomáš Zdechovský, Juan Ignacio Zoido Álvarez	



<b>Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Asim Ademov, Isabel Benjumea Benjumea, Jorge Buxadé Villalba, Marian-Jean Marinescu, René Repasi, Antonio Maria Rinaldi, Mounir Satouri, Jörgen Warborn
<b>Data tat-tressiq</b>	17.1.2023

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET  
FIL-KUMITAT RESPONSABBLI**

56	+
ECR	Joachim Stanisław Brudziński, Patryk Jaki, Beata Kempa, Vincenzo Sofo
ID	Patricia Chagnon, Antonio Maria Rinaldi, Tom Vandendriessche
NI	Laura Ferrara
PPE	Asim Ademov, Isabel Benjumea Benjumea, Vladimír Bilčík, Vasile Blaga, Lena Düpont, Loucas Fourlas, Andrzej Halicki, Jeroen Lenaers, Marian-Jean Marinescu, Nadine Morano, Alessandra Mussolini, Paulo Rangel, Karlo Ressler, Sara Skyttedal, Loránt Vincze, Jörgen Warborn, Tomáš Zdechovský
Renew	Abir Al-Sahlani, Malik Azmani, Lucia Ďuriš Nicholsonová, Sophia in 't Veld, Fabienne Keller, Moritz Körner, Ondřej Kovařík, Maite Pagazaurtundúa, Ramona Strugariu, Yana Toom
S&D	Evin Incir, Marina Kaljurand, Łukasz Kohut, Javier Moreno Sánchez, Matjaž Nemeč, René Repasi, Thijs Reuten, Domènec Ruiz Devesa, Isabel Santos, Birgit Sippel, Petar Vitanov, Elena Yoncheva
The Left	Malin Björk, Clare Daly, Sira Rego
Verts/ALE	Patrick Breyer, Saskia Briemont, Alice Kuhnke, Erik Marquardt, Mounir Satouri, Tineke Strik

2	-
ID	Gunnar Beck
NI	Milan Uhrík

1	0
ECR	Jorge Buxadé Villalba

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni